**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 1 ta' Marzu 2024**

**Drogi Każ Numru: 17/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**kontra**

**Annise Bejaoui**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Annise Bejaoui**, iben Driss Ben Bejaoui u Grace nee' Xuereb, imwieled il-Pieta', Malta nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989), residenti fl-indirizz numru tmienja u tletin (38), Triq Doni, Rabat, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 387889(M):-

Akkużat talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) u l-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30hrs) ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, Paola (Raħal Ġdid), Malta u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta u f'dawn il-Gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu d-droga ***Herojina (0.1grammi)*** speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-

Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li tapplika l-Artiklu 33A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi kienu mogħtija lil Annise Bejaoui, u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. Għaldaqstant, filwaqt li qiegħed nesebixxi l-fedina penali u nesebixxi l-att tat-twelid ta' l-imsemmi Annise Bejaoui, nitlob li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-Liġi.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-

[1] A fol. 106 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 21 tal-atti proċesswali

provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[3];

Semgħet is-sottomissjonijiet finali mill-partijiet;

**Ikkunsidrat :-**

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat li wettaq ir-reat ta' pussess tad-droga herojina bi ksur tad-disposizjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016), għal ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00 hrs) u l-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30 hrs) u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, waqt li kien ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-Qorti qegħda tiġi mitluba tapplika l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll qegħda tiġi mitluba titratta mal-akkużat bħala reċediv.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda :-

**L-Ispettur Hubert Cini[4]** xehed illi huwa kien stazzjonat l-għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid u fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tal-ħamsa u għoxrin ta' wara nofsinhar (5.20 p.m.) kien ġie nfurmat li fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kienet instabet xi sustanza suspettuża fuq zewġ priġunieri. Il-Pulizija marret fuq il-post u kellmet lil CO 109 Conrad Saliba, li kien stqarr li kienet saret tfittxija fuq żewġ priġunieri minnu u minn CO 31 Patrick Caruana u waqt tfittxija li kienet saret fuq l-imputat Annise Bejaoui, l-imputat minn jeddu kien ta lill-Uffiċjali tal-ħabs pakkett żgħir b'sustanza suspettuża u fil-ġakketta tiegħu kien instab pakkett ieħor b'sustanza ħadra. L-imputat kien stqarr mal-Uffiċjali li l-pakkett li huwa tahom kien tiegħu, iżda stqarr li l-pakkett li nstab fil-ġakketta ma kienx jaf bih. Is-sustanza li nstabet kienet ġiet impoġġija f'*evidence bag* bin-numru 00569046 li ġiet issiġġillata. L-Ispettur Cini xehed li huwa kien ġie nfurmat li kienet saret tfittxija ukoll fuq priġunier ieħor ċertu Alan Caruana u s-sustanza misjuba fuqu kienet ġiet issiġillata f'*evidence bag* ieħor. L-Ispettur Cini xehed li kien ġie infurmat l-Maġistrat Inkwirenti li kien fetaħ inkjesta u nnomina lill-Ispiżjar Godwin Sammut u lil PS 385 Emanuel Dalli bħala esperti. Sussegwentement

---

[3] A fol. 113 tal-atti proċesswali

[4] A fol. 29 tal-atti proċesswali

ingħalqet l-inkjesta minn fejn irriżulta li s-sustanza li nstabet għand il-priġunier Alan Caruana ma kinitx sustanza kkontrollata u għaldaqstant ma ttieħdu l-ebda proċeduri kontrih. Irriżulta ukoll li filwaqt li s-sustanza li nstabet fil-ġakketta tal-imputat ma kinetx droga, s-sustanza l-oħra li nstabet għand l-imputat kienet id-droga herojina. Għaldaqstant kienu nħarġu l-imputazzjonijiet odjerni kontra l-imputat.

L-Ispettur Hubert Cini preżenta ukoll kopja awtentikata ta' żewġ sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Annise Bejaoui deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011)[5] u Il-Pulizija -vs- Annise Bejaoui deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar il-ħmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007)[6].

**SM 169 Josef Barbara**[7], **CO 108 Elvin Gatt**[8] u **CO 13 Ian Cuschieri**[9] ilkoll xehedu li kienu nvoluti biss fl-ispezzjoni li kienet saret fuq priġunier ieħor ċertu Alan Caruana u li ma kellhom l-ebda involviment fit-tfittxija li saret fuq l-imputat odjern.

**L-Ispettur Anzjan Conrad Saliba**[10] stazzjonat ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, xehed illi fil-jum mertu tal-każ odjern, hu flimkien ma CO 31 kienu għamlu spezzjoni fuq l-imputat li kien detenut f'Diviżjoni numru sitta (6). Kif kienu qegħdin jagħmlu l-ispezzjoni, l-imputat kien tahom pakkett li kien qiegħed iżomm f'idejh. L-imputat għadda dan il-pakkett lil CO 31. Komplew jagħmlu t-tfittxija u CO 31 sab borża f'but ta' ġakketta tat-*tracksuit* tal-imputat. L-Ispettur Saliba xehed illi huwa kien żamm l-affarijiet għandu u kienu ċemplu lill-Pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid u għaddew l-affarijiet lill-Pulizija. In kontro-eżami jgħid li kollox kien sar fil-preżena tal-imputat. Jgħid ukoll li ma jiftakarx jekk kienx hemm *evidence bag* wieħed jew żewġ *evidence bags.*

**CO 31 Patrick Caruana**[11] stazzjonat ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, xehed illi fil-jum mertu tal-każ odjern, huwa flimkien ma CO 19 li illum huwa Spettur Anzjan, għamlu tfittxija fuq l-imputat u l-imputat tahom pakkett li kien

[5] Dok CH 1 a fol. 92 tal-atti proċesswali
[6] Dok CH 2 a fol. 99 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 31 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 23 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 35 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 38 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 42 tal-atti proċesswali

qiegħed iżomm f'idejh u li ammetta magħhom li kien tiegħu. Kienet tkompliet l-ispezzjoni u CO 31 kien sab borża fil-but tal-ġakketta tat-*tracksuit* tal-imputat li kien fiha sustanza ħadra. Ix-xhud igħid li l-affarijiet ġew mgħoddija lil PC 285. In kontro-eżami, ix-xhud igħid li l-pakkett li tah f'idejh l-imputat kien tpoġġa f'*evidence bag* bin-numru M00569406. Igħid illi s-sustanza ħadranija li nstabet fil-but tat-*tracksuit* tpoġġiet fl-istess *evidence bag*.

**L-Ispettur Geoffrey Cutajar**[12], li fiż-żmien li seħħ il-każ kien għadu **Surġent bin-numru 285**, ikkonferma li huwa kien għamel ir-rappport bin-numru 3/E/4109/2016[13].

**Id-Deputat Reġistratur Cora Azzopardi**[14] preżentat il-*proces verbal* dwar sejba ta' sustanza suspettata droga fuq żewġ priġunieri fit-Taqsima numru sitta (6) tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016).

**PS 385 Emanuel Dalli**[15] li kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat preżenta r-relazzjoni tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Mir-relazzjoni tiegħu jirriżulta li fil-jum mertu tal-każ odjern, huwa kien ħa ħdax (11)-il ritratt bil-kulur, ta' żewġ *evidence bags* li kienu ġew indikati lilu mill-Ispettur Hubert Cini fl-għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid.

**L-Ispiżjar Godwin Sammut**[16] li kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jeżamina s-sustanzi misjuba, preżenta r-relazzjoni tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Mir-relazzjoni tiegħu jirriżulta li huwa kien ingħata żewġ *evidence bags* fosthom *evidence bag* bin-numru M00569406 li kien fih qartas tal-karti li kien fih trab ta' lewn kannella u qartas tal-plastik li kien fih ħaxix ta' lewn aħdar. Mir-riżultati miksuba, l-espert ikkonkluda li:-

> *(b) Illi fuq estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar li hemm ġo Evidence bag immarkat M00569406 (ta' Annise Bejaoui) u li hemm fid-dokument 109_18_01 ma nstabetx droga.*
>
> *(ċ) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm ġo Evidence bag immarkat M00569406 (ta' Annise Bejaoui) u li*

[12] A fol. 49 tal-atti proċesswali
[13] A fol. 17 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 52 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 66 tal-atti proċesswali
[16] A fol. 77 tal-atti proċesswali

> *hemm fid-dokument 109-18-01 instabet is-sustanza Eroina. Il-piż total tat-trab kien ta' 0.1grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Illi d-difiża iddikjarat li m'għandix provi xi tressaq f'din il-kawża.[17]

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat Annise Bejaoui kien detenut fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u fil-jum mertu tal-każ odjern huwa nstab fil-pussess ta' pakkett suspettuż, kif ukoll fil-pussess ta' borża b'sustanza ħadra suspettuża. Illi mix-xhieda ta' CO 31 Patrick Caruana jirriżulta li l-oġġetti li nstabu fuq l-imputat tpoġġew ġewwa *evidence bag* bin-numru M00569406. Jirriżulta ukoll mix-xhieda tal-espert Godwin Sammut li huwa kien ingħata *evidence bag* bin-numru M00569406 u li l-ħaxix ta' lewn aħdar li kien hemm f'dan l-*evidence bag* ma kienx droga u li t-trab ta' lewn kannella kien fih is-sustanza eroina b'piż ta' 0.1 grammi.

Illi d-difiża tikkontendi li mix-xhieda ta' CO 31 Patrick Caruana li għamel it-tfittxija fuq l-imputat, ma jirriżultax li kienet instabet xi sustanza ta' lewn kannella fuq l-imputat, iżda jirriżulta biss li nstabet fuqu sustanza ta' kulur aħdar, liema sustanza skond ir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut irriżulta li ma kinitx droga. Għalhekk id-difiża tissottometti li l-imputat għandu jiġi liberat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li mid-depozizzjoni tal-Ispettur Anzjan Conrad Saliba, kif ukoll mid-depozizzjoni ta' CO 31 Patrick Caruana, jirriżulta li l-imputat kien tahom pakkett li kien qiegħed iżomm f'idejh u sussegwentement huma kienu sabu borża oħra fil-but tal-ġakketta tiegħu li kien fiha sustanza ħadra. Illi għalkemm huwa minnu li x-xhieda ma jiddeskrivux il-kontenut tal-pakkett li għaddielhom l-imputat, iżda jiddeskrivu biss il-kontenut tal-borża li sabu fil-ġakketta tal-imputat, jirriżulta mir-ritratti annessi mar-relazzjoni tal-espert PS 385 Emanuel Dalli[18] li filwaqt li l-borża kontenenti s-sustanza ħadra kienet waħda trasparenti u għaldaqstant wieħed seta' faċilment jara x'fiha, il-pakkett l-ieħor kien mgeżwer b'karta bajda u l-kontenut tiegħu ma kienx jidher

---

[17] A fol. 115 tal-atti proċesswali

[18] Ritratti mmarkati bħala 161836 16CSP 105 u 161836 16CSP 106 a fol 72. tal-atti proċesswali

minn barra u għaldaqstant ma setgħax jiġi deskritt il-kontenut tiegħu qabel ma jinfetaħ.

Illi l-Qorti tqis ukoll li meta CO31 Patrick Caruana ġie mistoqsi huwa x'kien għamel bil-pakkett li kien tah l-imputat huwa rrisponda hekk:-

> *"Avukat: Issa, inti il-pakkett li tak f'idejk inti dak il-ħin x'għamilt bih?*
>
> *Xhud: Dak il-ħin jintefa ġo evidence bag li żammejt in-numru, nerġa' nirrepetih M 00569406."*

Illi jirriżulta li dan huwa l-istess numru li jidher fuq l-*evidence bag* muri fir-ritratti annessi mar-relazzjoni ta' PS 385 Emanuel Dalli, bl-oġġetti li ġew elevati mingħand l-imputat odjern. Illi mill-provi prodotti, jirriżulta li l-Uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kienu għaddew din l-*evidence bag* lil PS 285[19] (illum l-Ispettur Geoffrey Cutajar) u sussegwentement din kienet ingħatat lill-Ispettur Hubert Cini[20]. Mir-relazzjoni ta' Dr. Godwin Sammut jirriżulta li huwa kien ingħata żewġ *evidence bags* mingħand l-Ispettur Hubert Cini, fosthom l-*evidence bag* bin-numru M00569406 li kien fih qartas tal-karti ta' lewn kannella u qartas tal-plastik li kien fih ħaxix ta' lewn aħdar.[21] L-espert jikkonkludi li fuq estratti mit-trab ta' lewn kannella *"instabet is-sustanza <u>Eroina.</u> Il-piż totali tat-trab kien ta' <u>0.1 grammi."</u>* Illi għaldaqstant din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-pakkett li nstab għand l-imputat kien jikkontjeni s-sustanza deskritta bħala trab ta' lewn kannella fir-relazzjoni tal-Ispiżjar Godwin Sammut li rriżultat li hija droga.

Illi d-difiża tikkontendi ukoll li s-sustanza "Eroina" msemmija fir-relazzjoni tal-espert Dr. Godwin Sammut ma tinsabx fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex fl-Ewwel Skeda hemm imniżżel is-sustanza "Herojina" u mhux "Eroina". Illi l-Qorti tqis li huwa evidenti li l-espert Dr. Godwin Sammut qiegħed jirreferi għas-sustanza mniżżla fl-Iskeda tant li fir-relazzjoni tiegħu stess jispeċifika li: "*Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*

---

[19] A fol. 42 tal-atti proċesswali
[20] Skond ir-rapport a fol. 17 tal-atti proċesswali u x-xhieda tal-Ispettur Geofrrey Cutajar, li fiż-żmien li seħħ il-każ kien għadu Surġent bin-numru 285 a fol. 49 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 24 tal-*proces verbal*

Illi għaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputazzjoni dwar pussess tad-droga herojina ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin miġjuba fil-konfront tal-imputat ġiet sodisfaċentement ippruvata.

L-imputat ġie addebitat ukoll bir-reċidiva b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** tal-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004):

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet numru ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat ossia s-segwenti: **Il-Pulizija -vs- Annise Bajaoui** deċiża nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta u **Il-Pulizija -vs- Annise Bejaoui** deċiża nhar il-ħmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta. Illi minn dawn is-sentenzi jirriżulta li n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dawk il-kawżi huwa identiku għal dak tal-imputat odjern u għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat f'dawk il-kawżi kien proprju l-imputat tal-lum. Madanakollu l-Qorti tqis illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma provdiet l-ebda prova li turi jekk is-sentenzi indikati kienux jagħmlu stat fil-konfront tal-imputat, ossia jekk dawn kinux *res judicata* jew kinux soġġetti għal xi appell fil-jum li fih l-istess imputat ikkommetta r-reat li huwa qiegħed jinstab ħati tiegħu f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Ikkunsidrat:**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), liema fedina penali hija waħda refrattarja. Il-Qorti qegħda tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u n-natura tar-reat li tiegħu l-imputat ser jinstab ħati. Tqis ukoll li r-reat seħħ fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti qegħda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 33A** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-imputat kien priġunier fiż-żmien tal-każ odjern. Dan ifisser illi l-piena applikabbli għandha tiżdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx.

Tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għal Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat inħarġu fi Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), u għalhekk il-maġġor parti tad-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienx imputabbli lill-istess imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, **33A**, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda issib lill-imputat **Annise Bejaoui** mhux ħati li huwa reċediv u b'hekk qegħda tilliberah mill-addebitu tar-reċediva, filwaqt li qegħda ssibu ħati tar-reat ta' pussess tad-droga herojina ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u qegħda tikkundannah għall-piena **ta' sitt xhur priġunerija effettiva u multa ta' sitt mitt ewro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien xahar mill-llum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jigi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-esperti

maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti Dr. Godwin Sammut u PS 385 Emanuel Dalli fis-somma ta' mitejn u disgħa u ħamsin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€259.93), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien erba' (4) xhur mill-llum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Deguara